

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) NRU 836/2008

tat-22 ta' Awwissu 2008

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 791/2008 li jiddefinixxi r-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni ghazzokkor abjad u għaz-zokkor mhux ipproċessat esportat fl-istat naturali tiegħu

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 ta' l-20 ta' Frar 2006 dwar organizzazzjoni komuni tas-swieg fis-settur taz-zokkor (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 33(2), ir-raba' subparagraphu tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 huma stabbiliti, mit-8 ta' Awwissu 2008, mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 791/2008 (²).
- (2) Fid-dawl ta' l-informazzjoni addizzjonali li l-Kummissjoni għandha fidejha, partikularment f'dak li għandu x'jaqsam

mat-tibdil li sar fir-relazzjoni bejn il-prezzijiet tas-suq intern u dawk tas-suq dinji, huwa floku li r-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni li bħalissa qiegħdin fis-seħħi jiġu addattati kif xieraq.

- (3) Ġħaldaqstant, jeħtieġ illi r-Regolament (KE) Nru 791/2008 jiġi emendat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 791/2008 huwa ssostitwit bit-test imniżżeż fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fit-23 ta' Awwissu 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Awwissu 2008.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

^(¹) ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1. Regolament hekk kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1260/2007 (ĠU L 283, 27.10.2007, p. 1). Ir-Regolament (KE) Nru 318/2006 ser jinbidel bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1) mill-1 ta' Ottubru 2008.

^(²) ĠU L 213, 8.8.2008, p. 19.

ANNESS

Rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni għaż-żokkor abjad u għaż-żokkor mhux ipproċessat esportat fl-istat naturali tiegħu, applikabbi mit-23 ta' Awwissu 2008

Il-kodiċi tal-prodott	Id-destinazzjoni	L-unità tal-kejl	L-ammont tar-rifużjoni
1701 11 90 9100	S00	EUR/100 kg	14,72 (l)
1701 11 90 9910	S00	EUR/100 kg	13,23 (l)
1701 12 90 9100	S00	EUR/100 kg	14,72 (l)
1701 12 90 9910	S00	EUR/100 kg	13,23 (l)
1701 91 00 9000	S00	EUR/1 % ta' sakkarożju × 100 kg tal-prodott nett	0,1601
1701 99 10 9100	S00	EUR/100 kg	16,01
1701 99 10 9910	S00	EUR/100 kg	14,39
1701 99 10 9950	S00	EUR/100 kg	14,39
1701 99 90 9100	S00	EUR/1 % ta' sakkarożju × 100 kg tal-prodott nett	0,1601

NB: Id-destinazzjonijiet huma definiti kif ġej:

S00 — Id-destinazzjonijiet kollha, ghajj:

- a) pajjiżi terzi: l-Andorra, Liechtenstein, is-Santa Sede (il-Belt tal-Vatikan), il-Kroazja, il-Bożnja u Herzegovina, is-Serbja (*), il-Montenegro, l-Albanija u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja;
- b) territori ta' l-Istati Membri ta' l-UE li ma jiffurmawx parti mit-territorju dogonali tal-Komunità: il-Gżejjjer Faroe, il-Groenlandja, Heligoland, Ceuta, Melilla, il-Komuni ta' Livigno u Campione fl-Italja u l-partijiet tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll.
- c) territori Ewropej li r-relazzjonijiet barranin tagħhom huma r-responsabbiltà ta' Stat Membru u li ma jiffurmawx parti mit-territorju dogonali tal-Komunità: Ġibiltà

(*) Tkopri l-Kosovo, taħt il-protezzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti, bis-saħħa tar-reżoluzzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà ta' l-10 ta' Ġunju 1999.

(l) Dan l-ammont huwa applikabbi għaż-żokkor mhux ipproċessat b'rendiment ta' 92 %. Jekk ir-rendiment taż-żokkor mhux ipproċessat ma jibqax ta' 92 %, għal kull operazzjoni ta' esportazzjoni kkonċernata, l-ammont tar-rifużjoni applikabbi jiġi mmultiplikat b'fattur ta' konverżjoni li jinkiseb billi jiġi diviż b'92 ir-rendiment taż-żokkor esportat, ikkalkulat skond il-punt III, il-paragrafu 3, ta' l-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 318/2006.